

# Il-Ħamrun fi żmien San Ġorġ Preca



*minn Eric Montfort*

Qed nikteb dan l-artiklu hekk kif fakkarna l-għaxar anniversarju mill-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca. Ġewni fi ħsiebi kif kienu ż-żminijiet ta' meta San Ġorġ Preca kien waqqaf is-Soċjetà għad-Dutrina Nisranija, magħrufa aħjar bħala l-MUSEUM, u kif l-ewwel fergħa kellha tkun fil-Ħamrun, il-post li fih trabba għal bosta snin Dun Ġorġ Preca. Kienet fi Triq Fra Diegu. għalhekk, f'dan il-kuntest, nixtieq ukoll naqsam ftit ħsibijiet dwar dawk iż-żminijiet, minn dak li smajna u qrajna.

Hu perjodu ta' żmien li jeħodna bejn wieħed u ieħor madwar mitt sena u ftit iktar. Qed nagħmel hekk ukoll fl-isfond ta' dak li hu l-Ħamrun illum, għax wara kollox, l-istorja mhix xi relikwja li wieħed iħalliha magħluqa għaliha nfisha, anzi il-passat għandu jservi bħala werrej għall-preżent u l-futur ukoll, kif sejjer niżvolġi tul dan l-artiklu.

San Ġorġ Preca waqqaf il-MUSEUM nhar is-7 ta' Marzu tal-1907, madwar xahrejn u nofs biss minn meta qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu. Kienu żminijiet fejn il-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet qed tikber sew. Fejn fl-1901 kien hemm jgħixu 10,393, fl-1911 kien hemm 14,601 residenti. Dan it-tkabbir kien dovut għal bosta raġunijiet, l-iktar ix-xogħol u l-iżvilupp li kien għaddej fil-Port il-Kbir. Ta' min jgħid ukoll li din il-popolazzjoni kienet tinkludi wkoll il-Marsa u Santa Venera li dak iż-żmien kienu wkoll jifformaw parti mill-Ħamrun, kif kienu wkoll partijiet minn Gwardamanġa, li fil-verità dak iż-żmien kienet kważi diżabitata. Ftit tas-snin wara l-Marsa u Santa Venera ħarġu bħala parroċċi għalihom. Kien hemm bosta nies li ġew mill-Belt (minħabba kirjiet għoljin li kien hemm fil-Belt Kapitali), il-Kottonera u anke minn Għawdex.



*Il-Knisja ta' San Gejtanu armata għall-festa fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor: snin li fihom Dun Ġorġ kien jaħdem fil-parroċċa*



*B'Bajda fejn illum hemm il-Kappella tal-Museum*



*Il-palazz tal-Konti u l-Knisja ta' Santunnuzzu*



*Attrezzi militari għaddejjin minn Triq il-Kbira għall-ħabta tal-Ewwel Gwerra*



*L-istazzjon tal-Ferrovija tal-Ħamrun*

Il-Ħamrun ma kienx mibni kif inhu llum. L-iżvilupp kien iktar ikkonċentrat fuq l-inħawi ta' wara l-Knisja Parrokkjali, u kien jibqa' sejjer sal-Blata l-Bajda. L-inħawi tal-Parroċċa tal-Kunċiżżjoni, fil-parti l-kbira tagħhom kienu għadhom spazji miftuħa u diżabitati. Il-konċentrazzjoni tal-bini kienet testendi sal-Blata l-Bajda fejn kien hemm ukoll grupp ta' djar antiki li kienu ilhom hemm sa mill-1627. Dawn twaqqgħu fi żminijiet relattivament riċenti għall-proġett ta' twessiegħ tal-inħawi tal-Blata l-Bajda. Lanqas il-Kappella tal-Midalja Mirakoluża ma kienet teżisti, anzi hawnhekk kien hemm ċimiterju antik. Il-Blata l-Bajda wkoll fil-parti l-kbira kienet tikkonsisti f'għelieqi u spazji miftuħa li llum, minn dawn ma fadal kważi xejn.

Wieħed irid jieħu wkoll il-kuntest ta' popolazzjoni, kemm fil-Ħamrun kif ukoll madwar Malta, li ma kenitx taf skola. Kien hemm ħafna illitteriżmu u nuqqas ta' tagħlim, inkluż tagħlim Nisrani. Biex tagħqad, anke l-akkomodazzjoni ma kenitx xi waħda attraenti. Palazzi bħal dak tal-Konti Sant Fournier ħdejn il-Knisja tal-Madonna ta' Porto Salvu (Santunnuzzu) spiċċaw inbidlu fi djar u kerrejiet fil-bidu tas-seklu. U dan seħħ minħabba li l-popolazzjoni kibret konsiderevolment.

Fl-ewwel ħmistax-il sena tas-Seklu 20, Malta kienet għaddejja minn żminijiet tajbin fejn tidħol l-ekonomija. Kien hemm negozju kbir fl-inħawi tal-Port il-Kbir, speċjalment fil-Belt, it-Tarzna fil-Kottonera, il-Furjana, il-Marsa u anke l-Ħamrun, li minnu kienet ukoll tgħaddi l-ferrovija. Fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija kien hemm ukoll żieda minħabba li ġew eluf, madwar 136,000 suldat mill-kampanji tas-Servizzi Brittaniċi f'Gallipoli u Tessalonika. Kien hawn 27 sptar imferrxin madwar Malta u kien hemm ukoll ħafna kummerċ madwar il-Port il-Kbir minħabba xogħol ieħor marbut mal-gwerra.

Fil-Ħamrun il-kummerċ kien żdied ukoll, b'ħafna ħwienet tal-merċa, tax-xorb, industriji tal-għamara, ċikkulata u madum. Kien hemm ukoll, kif wieħed jista' jistenna rivalità bejn iż-żewġ każini tal-banda, San Ġużepp u San Gejtanu, b'dan tal-aħħar ikun għadu fil-bidu tiegħu. Insemmu ukoll l-iskwadra tal-futbol Ħamruniża, u l-fatt li sa għaxar snin minn meta twaqqfet, kienet ġa rebħet żewġ kampjonati.

Fejn illum insibu l-Valentine Hall, kienet għalqa u kien hawnhekk fejn San Ġorġ Preca kien imur jagħmel l-ewwel missjonijiet tiegħu, jiltaqa' maż-żgħażagħ, jitlobhom siġarett u jitkellem dwar il-Mulej Alla, biex imexxi tagħlim proprju u siewi fuq it-twemmin Kristjan. Ma riedx iktar jisma' kliem bħal dak li kien darba qal is-sagristan ta' dak iż-żmien, meta ma' tifel żgħir stqarr li "Alla sar waħdu", meta fil-verità Alla ma sarx iżda kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.

Kien minn hawn li ħarġu wkoll soċji denji ta' nota, fosthom Salvu Muscat li kien hu li ħareġ bl-idea tal-MUSEUM, sabiex dan ikun speċi ta' mużew b'dak kollu li hu sabiħ u qaddis fil-fidi Kristjana. Kien hemm ukoll Eugenio Borg li kien mill-Isla, ħaddiem tat-Tarzna imma li kien ġie joqgħod il-Ħamrun fejn għex hawnhekk għal bosta snin. San Ġorġ Preca, kellu diġà werrej tajjeb fejn tidħol il-missjoni Kristjana fil-Ħamrun. Ftit tas-snin qabel, fl-1902, miet Fra Diegu Bonanno, u l-wirt filantropiku ta' dan il-Franġiskan kien ukoll jinħass sew bl-istitut tat-tfal li nfetaħ fi Triq Villambrosa fl-1905.


*Eugenio Borg*


*Fra Diegu*


*Salvu Muscat*


*Dun Ġużepp Muscat*

Il-MUSEUM beda fi Triq Fra Diegu imma tul is-snin ta' wara kien ibbażat f'xi postijiet oħra, fosthom Triq il-Wiesgħa, llum magħrufa bħala Triq Dun Nerik Cordina Perez. Dawn l-ewwel għaxar snin tal-MUSEUM kienu ibsin. Fl-1909, sentejn biss wara t-twaqqif tas-Soċjetà, San Ġorġ Preca rċieva ordnijiet biex jieqaf minn din il-missjoni. Kien hemm min ħass li kienet xi ħaġa mhix flokha li wieħed jeduka l-klassijiet tal-ħaddiema.

Kif mistenni, San Ġorġ Preca ħadha bi kbira, imma fl-ispirtu tal-voti li ħa bħala saċerdot, kien obda. Kien hemm ħafna nies, fosthom kappillani li ħaduha kontra din id-deċiżjoni, inkluż il-Kappillan Dun Ġużepp Muscat, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu dak iż-żmien. Dawn talbu li din l-ordni taqa'. Il-Viġarju Ġenerali, il-Monsinjur Salvatore Grech tqabbad mill-Kurja sabiex imexxi investigazzjoni dwar din is-Soċjetà, biex eventwalment fl-1932, il-missjoni tagħha ġiet approvata mill-Isqof Dun Mauro Caruana.

Dawn kienu s-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li ħabbat wiċċu magħhom San Ġorġ Preca meta waqqaf is-Soċjetà għad-Dutrina Nisranija. Fuq naħa kien hemm l-entużjażmu ta' dawk li kienu nteressati, u fuq naħa oħra kien hemm xettiċiżmu minn min ma kellux fidi jew mill-istess awtoritajiet tal-Knisja.

Jekk ninkwadraw dan kollu f'dak li qed naraw illum, hemm xi ftit xebħ, fis-sens, li llum fil-Ħamrun, u madwar Malta u Għawdex kollu, hemm nuqqas ta' attendenza anke fil-Quddiesa tal-Ħadd, daħal sew l-individwaliżmu u relativiżmu, hawn iktar taħlit anke fejn jidħol twemmin, ċertu valuri m'għadhomx jiġu apprezzati, imma b'mod pożittiv, insibu wkoll ħafna għaqdiet kemm reliġjużi, kif ukoll oħrajn filantropiċi li juru wkoll li għad hawn min tassew jinteressa ruħu f'soċjetà serja u li tagħti kas il-bżonnijiet morali u materjali tal-oħrajn.

Il-MUSEUM hu wieħed minn dawn u nħeġġeġ biex wieħed jixtarr sew il-kitbiet ta' San Ġorġ Preca għax għandhom ħafna valuri għoljin għas-soċjetà ċivili daqskemm għandhom valuri morali.